FGURA

Minuti tal-laqgħa 7 tas-seba' Kunsill Lokali Fgura li nżammet illum it-Tlieta 6 ta' Awwissu, 2013, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Fgura. Il-laqgħa bdiet fis-18:32.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | Dr. Byron Camilleri |
| **Viċi Sindku:** | Is-Sur Matthew Vella |
| **Kunsillieri:** | Is-Sur C. Bonello 18:35<br>Is-Sur P. Dalli<br>Is-Sur R. Deguara<br>Is-Sur R. Ellul<br>Is-Sur M. Lombardo<br>Is-Sur J. Zammit<br>Is-Sur R. Zammit |
| **Segretarju:** | Is-Sur C. Cutajar |

Is-Sindku qal it-talba fil-bidu tal-laqgħa.

**1.0 Minuti**

1.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3605/13/7 "Sabiex jiġu approvati minuti datati 10 ta' Lulju, 2013". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur P Dalli, Sur R Deguara, Sur R Ellul, Sur J Zammit, Sur R Zammit.
Kontra – Ħadd.
Astenzjonijiet – Sur M Lombardo

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 3605/13/7 kienet approvata b'seba' voti favur, l-ebda vot kontra u astenzjoni waħda.

**2.0 Korrispondenza**

2.01 Ma tressqet l-ebda korrispondenza.

## 3.0 Purchase Request Forms

3.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3606/13/7 "Sabiex jiġu approvati PRFPO for CM/6/8/13" (ara 'DOK A' anness). Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur P Dalli, Sur R Deguara, Sur R Ellul, Sur J Zammit, Sur R Zammit.
Kontra – Ħadd.
Astenzjonijiet – Sur M Lombardo

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 3606/13/7 kienet approvata b'seba' voti favur, l-ebda vot kontra u astenzjoni waħda.

## 4.0 Ħlasijiet

4.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3607/13/7 "Sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet 11/7/13 sa 30/7/13" (ara 'DOK B' anness). Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur P Dalli, Sur R Deguara, Sur R Ellul, Sur J Zammit, Sur R Zammit.
Kontra – Ħadd.
Astenzjonijiet – Sur M Lombardo

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 3607/13/7 kienet approvata b'seba' voti favur, l-ebda vot kontra u astenzjoni waħda.

4.02 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3608/13/7 "Sabiex jiġu approvati ħlasijiet 31/7/13 sa 6/8/13" (ara 'DOK Ċ' anness). Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Is-Sur M Lombardo saqsa dwar item 15 f'DOK C, dwar min ha d-decizjoni li l-printing tal-fliers isir ghand il-Union Print. Is-Segretarju qal li kienet decizjoni tieghu, wara li gab 3 kwotazzjonijiet. Is-Sindku kkonferma dan. Waqt li tkompliet id-diskussjoni, daħal fil-kamra s-Sur C Bonello (18:35)

4.02.1 Is-Sur C Bonello staqsa jekk is-Segretarju u s-Sindku jħossuhomx li qed jimxu b'mod korrett fir-rigward tar-regolamenti finanzjarji, peress li mhux qed tintalab approvazzjoni tal-ispejjeż li jsiru.

4.02.1.1 Is-Sindku stqarr li l-Kunsill qed jimxi skont ir-regolamenti finanzjarji, u li jekk is-Sur C Bonello jħoss li qed jinkiser xi

regolament finanzjarju, dan għandu jidentifika liema wieħed hu.

4.02.2 Is-Sur M Lombardo staqsa jekk is-Segretarju, li huwa wkoll uffiċjal tal-General Workers' Union (GWU), iħossux li mexa b'mod etiku meta agħmel ordni ta' EUR 173.25 lil Union Print Ltd., li tinsab bħala *item* 15 fuq l-iskeda tal-ħlasijiet addizzjonali li kienet qed tigi diskussa.

4.02.2.1 Is-Segretarju stqarr li jħossu komdu b'din l-ordni tax-xogħol li għamel, minħabba l-fatt li qabel ma ħa din id-deċiżjoni, huwa talab tliet stimi minn għand kumpaniji tal-istampar differenti. Is-Segretarju qal li s-Sur M Lombardo mhux gust juża dawn il-metodi sabiex jipprova jtebba' l-integrita' u r-reputazzjoni tiegħu. Is-Segretarju qal ukoll li wieħed ma jistax jippretendi li għaliex persuna tkun tokkupa kariga f'għaqda volontarja relatata mal-GWU, allura l-kumpanija in kwestjoni ma tkunx tista' bl-ebda mod tingħata xogħol mill-Kunsill Lokali tal-Fgura.

4.02.2.2 Is-Sindku talab lis-Sur M Lombardo, sabiex jekk iħoss li s-Segretarju b'xi mod kiser il-kodiċi tal-etika, allura għandu jirraporta b'dan lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, jew kwalunkwe' awtorita' li hija 'l fuq mill-Kunsill Lokali tal-Fgura.

Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur P Dalli, Sur R Deguara, Sur R Ellul, Sur J Zammit, Sur R Zammit.
Kontra – Ħadd.
Astenzjonijiet – Sur M Lombardo, Sur C Bonello

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 3608/13/7 kienet approvata b'seba' voti favur, l-ebda vot kontra u zewg astenzjonijiet.

## 5.0 Memos

5.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3609/13/7 "Sabiex dan il-Kunsill japplika għal Memo 17/2013. Skema ta' għajnuna finanzjarja għal streaming għal laqgħat online". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 3609/13/7 kienet approvata unanimament.

5.02 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3610/13/7 "Sabiex il-Kunsill Lokali tal-Fgura japplika għal Memo 18/2013 - European Mobility Week - Car Free Day 2013". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 3610/13/7 kienet approvata unanimament.

## 6.0 Tenders

6.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3611/13/7 "Sabiex jiġi mġedded tender SA-17-11, Upkeep and Maintenance of soft areas, b'sena". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur P Dalli, Sur R Deguara, Sur R Ellul, Sur J Zammit, Sur R Zammit.
Kontra – Ħadd.
Astenzjonijiet – Sur C Bonello, Sur M Lombardo

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 3611/13/7 kienet approvata b'seba' voti favur, l-ebda vot kontra u żewġ astenzjonijiet.

6.02 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3612/13/7 "Sabiex jiġġedded CM-ARCH-17-11 b'sena". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur P Dalli, Sur R Deguara, Sur R Ellul, Sur J Zammit, Sur R Zammit.
Kontra – Sur C Bonello, Sur M Lombardo.
Astenzjonijiet – Ħadd.

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 3612/13/7 kienet approvata b'seba' voti favur, żewġ voti kontra u l-ebda astenzjoni.

6.03 Is-Sur P Dalli ressaq mozzjoni ref: 3613/13/7 "Sotto Kumitat Adjudication of Tenders. Membri preżenti: Chair Sindku, Ray Deguara, Pierre Dallli. Dan is-sotto kumitat iltaqa' illum 5 t'Awwissu 2013, fis-18:30hrs. Dan is-sotto kumitat evalwa l-offerti kollha u ddeċieda li jipproponi lill-Kunsill sabiex japprova r-rapport anness ta' evalwazzjoni hekk kif propost mill-Perit tal-Kunsill". Din kienet sekondata mis-Sur R Deguara u mis-Sindku.

6.03.1 Is-Sur C Bonello saħaq li r-rapport tal-Perit kellu jitqassam qabel il-laqgħa.

6.03.2 Is-Sindku wieġeb li m'għandu l-ebda problema li jsir hekk.

6.03.3 Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur C Bonello, Sur P Dalli, Sur R Deguara, Sur R Ellul, Sur J Zammit, Sur R Zammit.
Kontra – Sur M Lombardo.
Astenzjonijiet – Ħadd.

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 3613/13/7 kienet approvata bi tmien voti favur, vot kontra u l-ebda astenzjoni.

## 7.0 Proġetti, Toroq u Xogħolijiet Infrastrutturali

7.01 Is-Sindku semma' li saret laqgħa li matulha ġew diskussi l-*Bills of Quantities* relatati max-xogħolijiet li jonqos isiru fil-bini taċ-Ċentru Ċiviku fi Triq Hompesch il-Fgura.

7.02 Is-Sindku qal li fir-rigward tal-Kumpless Sportiv maħsub li jsir fi Triq A M Valperga biswit is-swar fejn il-*grounds* tal-futbol, se jkun hemm il-ħtieġa li jsir *survey* billi jittieħdu *core tests* tat-terren li jinsab f'dan is-sit, sabiex ikun esplorat jekk hux possibli li jsir bini taħt il-livell tat-triq.

Is-Sur M Lombardo propona biex tkun studjata wkoll il-possibilita' li jsir parkegg taht l-art. Is-Sindku wiegeb li l-ewwel jehtiegisiru l-core tests li jiddeterminaw jistax isir thaffir. Huwa spjega wkoll li skont ufficjali tal-MEPA dan mhux possibli ghax m'hemmx hafna terrapien izda hemm blat.

7.03 Is-Sindku semma' kif saret laqgħa fuq il-post sabiex ikunu diskussi dettalji relatati mal-proġett maħsub li jsir fejn il-klabb tal-boċċi.

7.04 Is-Sur C Bonello qal li fil-laqgħa preċedenti s-Sindku kien semma' li l-Kunsill kien irċieva talba li Triq Romano Carapecchia tkun magħluqa għat-traffiku.

7.04.1 Is-Sindku qal li kienet saret petizzjoni għall-ħabta ta' Jannar 2013, iżda milli jidher din ma kienetx iġġib il-firem tal-maġġoranza tar-residenti f'din it-triq.

## 8.0 Komunikazzjoni mis-Sindku

8.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3614/13/7 "Sabiex il-Kunsill jagħti 3 ġimgħat lill-membri ta' dan il-Kunsill sabiex iressqu l-proposti tagħhom fir-rigward tal-proċess tal-konsultazzjoni tal-Local Plans mill-Mepa, u jqabbad lill-Perit tiegħu sabiex jagħmel ir-rakomandazzjonijiet tiegħu u dawk tal-kunsilliera f'rapport dettaljat. Din il-materja terġa' tiġi diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 3614/13/7 kienet approvata unanimament.

8.02 Is-Sur C Bonello qal li filgħodu mar jiġbor dokumenti fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali, u wara li reġa' fetaħ il-garżella sab dokumenti oħra li ġew mitfugħa fl-aħħar ħin qabel il-laqgħa, inkluż ir-rapport tat-Traffic Management Unit.

8.02.1 Is-Sur P Dalli qal li s-Sur Bonello qed jilmenta dwar rapport li sar biex ikunu ndirizzati l-ilmenti tan-nies.

8.02.2 Is-Sindku qal li dan is-sotto kumitat tlaqqa' jum qabel il-laqgħa tal-Kunsill. Is-Sindku kompla billi qal li kien huwa stess li wara nofsinhar għadda kopja ta' dan ir-rapport fil-garżelli tal-Kunsillieri.

8.02.3 Is-Sur C Bonello qal li fil-fehma tiegħu dan huwa ngann, għaliex f'kull laqgħa s-Sindku jiġi quddiem il-Kunsill u jgħid li dan ir-rapport ikun iċċirkolah.

8.02.4 Is-Sindku qal li kien ikun ingann li kieku s-Sur C Bonello jistaqsi meta jkun intefa' r-rapport fil-garżelli, u huwa jwieġeb mingħajr ma jgħid il-verita'. Is-Sindku qal ukoll li dan m'huwiex rapport twil, li jista' faċilment jinqara' waqt li din il-materja tittella' għad-diskussjoni.

8.02.5 Is-Sur M Lombardo rrimarka li dawn id-dokumenti għandhom ikunu ċirkolati b'imejl.

8.03 Is-Sur M Lombardo saqsa għaliex ma kienux qed jintbagħatu l-ittri dwar avviżi ta' qtugħ fil-provista tal-elettriku.

8.03.1 Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill għandu riżorsi limitati u mhux dejjem kien qed ikun possibli li dawn l-avviżi jilħqu jintbagħtu.

8.03.2 Is-Segretarju qal li meta l-Korporazzjoni Enemalta tibgħat l-avviżi dwar qtugħ fil-provista, ħafna drabi ma tispeċifikax liema parti tat-triq se tkun qed tiġi affettwata. Għaldaqstant mhux dejjem kien jagħmel sens li tintbagħat ittra fit-triq kollha, u permezz t'hekk jinħoloq allarm lil residenti li fil-verita' ma jkunux se jiġu affettwati.

8.03.3 Is-Sur C Bonello qal li meta kienet ittellgħet dik il-mozzjoni relatata ma' din il-materja, hu kien argumenta li loġistikament mhux dejjem kien se jkun possibli li l-mozzjoni tiġi onorata. Qal li ma jsib l-ebda diffikulta' jekk din il-mozzjoni tkun riveduta.

8.04 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3615/13/7 "Sabiex il-Kunsill juża parti mis-somma mirbuħa fl-award li ħa mill-Greenpak,

sabiex jiżra' siġar taż-żebbuġ biswit il-grounds tal-football fi Triq Valperga, fis-soft areas li bħalissa m'hemm xejn miżrugħ fiha". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 3615/13/7 kienet approvata unanimament.

8.05 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3616/13/7 "Sabiex jiġġedded il-programm tal-Aerobics skont kif anness". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 3616/13/7 kienet approvata unanimament.

## 9.0 <u>Rapporti Kumitati u Sotto Kumitati</u>

9.01 Is-Sur M Lombardo qal li fejn hemm garaxxijiet ma' ġenb xulxin, is-sidien tal-garaxxijiet qed jipparkjaw quddiem il-garaxx tagħhom u jagħlqu l-garaxx ta' ħdejhom. Staqsa jistgħux isiru kaxxi sofor allokati għal kull garaxx.

9.01.1 Is-Sindku wieġeb li kien hemm korrpispondenza li l-Kunsill irċieva minn għand Transport Malta li fiha l-Kunsill ġie mgħarraf li m'għandhomx isiru tali kaxxi sofor.

9.02 Is-Sur C Bonello semma' kif kienet saret talba sabiex issir *sleeping policeman* fi Triq l-iSkola iżda din baqgħet ma saritx.

9.02.1 Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill f'dan il-każ kien mexa mal-*policy*, u peress li kien hemm oġġezzjoni ta' resident, din ma saritx.

9.03 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3617/13/7 "Sabiex jiġi approvat ir-rapport anness". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

9.03.1 Is-Sur C Bonello talab li l-vot għal din il-mozzjoni jinqasam fi tnejn, fejn l-ewwel isir vot separat għal punt 1 fuq ir-rapport, u mbagħad isir vot ieħor relatat ma' punti 2 sa 6 tar-rapport.

9.03.2 Kien hemm qbil ġenerali dwar il-proposta mressqa.

9.03.3 Ittieħed vot dwar punt 1 tar-rapport anness mal-mozzjoni:

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur P Dalli, Sur R Deguara, Sur R Ellul, Sur J Zammit, Sur R Zammit.
Kontra – Sur C Bonello, Sur M Lombardo.
Astenzjonijiet – Ħadd.

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Punt 1 tar-rapport anness mal-mozzjoni ref: 3617/13/7 kien approvat b'seba' voti favur, żewġ voti kontra u l-ebda astenzjoni.

9.03.4 Ittieħed vot dwar punti 2 sa 6 tar-rapport anness mal-mozzjoni.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur C Bonello, Sur R Deguara, Sur R Ellul, Sur J Zammit, Sur R Zammit.
Kontra – Ħadd.
Astenzjonijiet – Sur P Dalli, Sur M Lombardo.

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Punti 2 sa 6 tar-rapport anness mal-mozzjoni ref: 3617/13/7 kienu approvati b'seba' voti favur, l-ebda vot kontra u żewġ astenzjonijiet.

## 10.0 Rapporti ta' Ħidma mill-Kunsilliera

10.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3618/13/7 "Sabiex il-Kunsill jiffirma l-cooperation agreement mal-Meusac skont kif anness". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 3618/13/7 kienet approvata unanimament.

## 11.0 Staff

11.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3619/13/7 "Sabiex jiġi approvat ir-rapport anness fir-rigward ta' ingaġġ ta' clerk mal-Kunsill Lokali tal-Fgura". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur C Bonello, Sur P Dalli, Sur R Deguara, Sur R Ellul, Sur J Zammit, Sur R Zammit.
Kontra – Ħadd.
Astenzjonijiet – Sur M Lombardo.

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 3619/13/7 kienet approvata bi tmien voti favur, l-ebda vot kontra u astenzjoni waħda.

## 13.0 Mozzjonijiet

13.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3603/13/7 "Sabiex isir dustbin fi Triq Riħan in-naħa ta' taħt Triq Mater Boni Consilii". Din kienet sekondata mis-Sur R Zammit. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 3603/13/7 kienet approvata unanimament.

13.02 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3604/13/7 "Sabiex issir bozza ġdida fi Triq Martin Luther King biswit il-klabb tal-boċċi". Din kienet sekondata mis-Sur R Zammit. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 3604/13/7 kienet approvata unanimament.

## 14.0 <u>Mistoqsijiet</u>

14.01 Il-Kunsill irċieva sett ta' erba' mistoqsijiet minn għand il-Kunsillier is-Sur M Lombardo, sabiex ikunu mwieġba mis-Sindku (Ara 'DOK D' fl-hemża).

14.02 B'referenza għal mistoqsija numru 1 is-Sindku qal li hija Transport Malta li tirċievi t-talbiet kollha għandha, għaldaqstant mistoqsija ta' dan it-tip tkun tista' tiġi mwieġba b'mod korrett minn Transport Malta.

14.03 B'referenza għal mistoqsija numru 2 is-Sindku wieġeb li jkun għaqli li l-Kunsillier is-Sur M Lombardo jispeċifika għal perjodu partikolari, jew inkella għal liema bollards qed jirreferi.

14.04 B'referenza għal mistoqsija numru 3 is-Sindku wieġeb li l-permess ingħata minn Transport Malta; li l-Kunsill kien ġie nfurmat iżda mhux konsultat dwar din il-materja u li protesta mal-awtorita' ssir jekk ikun hemm deċiżjoni tal-Kunsill li għandu jsir hekk.

14.05 B'referenza għal mistoqsija numru 4 s-Sindku wieġeb li fit-12 ta' Lulju, is-Segretarju ressaq it-talba għal tiswijiet quddiem l-Enemalta, li min-naħa tagħhom fissru lis-Segretarju li tali manutenzjoni s-soltu tkun mwettqa bi spejjeż tal-parroċċa stess, peress li l-Enemalta hija responsabbli tal-provista tal-elettriku u mhux tal-manutenzjoni. Nhar id-29 ta' Lulju, il-Kunsill għadda *work order* lill-kumpanija Nexos sabiex isiru t-tiswijiet. Minkejja li sar tentattiv biex tissewwa' l-ħsara, nhar it-30 ta' Lulju, xorta ma nstabitx is-soluzzjoni min-naħa tat-tekniċi.

## 15.0 <u>Aġġornament</u>

15.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 3 ta' Settembru, 2013, fis-18:30.

Il-laqgħa ntemmet fis-19:49.

Sindku

Segretarju

| PRFPO FOR CM 6/8/13 | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Purchase Request | Purchase Order | Name | Item | Price Euro |
| 5936 | 6113 | Wilson Mifsud | removal of grass and small stones cleaning of Rghajja Str | 106.20 |
| 5937 | 6114 | Wilson Mifsud | zbir tas-sigar ta' fen il-pitch tal-bocci | 50.00 |
| 5938 | 6115 | Francis Service Station | diesel IBL985 | 40.00 |
| 5939 | 6116 | Smart Office Supplies Ltd | staples , 25 pkts A4 paper | 89.09 |
| 5940 | 6117 | AF Sign Studio Ltd | 20 mtr canvas run | 212.40 |
| 5941 | 6118 | Wilson Mifsud | sabiex tinhasel il-mina ta' Triq l-Ghollieq | 35.00 |
| 5942 | 6119 | Beta Centre | 10 ltrs Betaroof Terracotta | 49.01 |
| 5943 | 6120 | Style Computers | cartridge for Canon printer PG 510 Black | 24.50 |
| 5944 | 6121 | Beta Centre | 10 ltrs Betaroof Terracotta | 49.01 |
| 5945 | 6122 | Alistair Floral Designer and Decorator | flower arrangement incl delivery | 35.00 |
| 5946 | 6123 | Mirya Ltd | measure, supply and fixing of 10mm clear laminated glass 138.5cm x 100cm | 148.00 |
| 5947 | 6124 | Wilson Mifsud | biex jinqatghu 2 sigriet fi Triq il-Bieb livell mal-bankina | 47.20 |
| 5948 | 6125 | Francis Service Station | diesel IBL985 | 40.00 |
| 5949 | 6126 | E Said | site inspection and compilation of cultural heritage report for Farmhouse Dahlet in-Nicca l-Antika off Hompesch Rd Fgura | 420.00 |
| 5950 | 6127 | Christian Bezzina | works on Fgura Monument (removal of graffiti, material included) | 390.00 |
| 5952 | 6130 | R&A Waste Services Ltd | sabies jingabar skart minn quddiem garaxx nru 109 fi Vjal Kottoner | 20.00 |
| 5953 | 6131 | Il-Mincott Co Ltd | 17 mtrs xibka, 7 brackets, cintorini, roll wire | 51.97 |
| 5954 | 6132 | Hallmann Vella Ltd | 2 oil repellent | 44.18 |
| 5955 | 6133 | Koptaco Coaches | transport services on 13/8/13 from Fgura to Sliema and back | 76.70 |
| | | | | |

R Zammit

'DOK A'

PRFPO FOR CM 6/8/13

| Purchase Request | Purchase Order | Name | Item | Price Euro |
|---|---|---|---|---|
| 5936 | 6113 | Wilson Mifsud | removal of grass and small stones cleaning of Rghajja Str | 106.20 |
| 5937 | 6114 | Wilson Mifsud | zbir tas-sigar ta' fen il-pitch tal-bocci | 50.00 |
| 5938 | 6115 | Francis Service Station | diesel IBL985 | 40.00 |
| 5939 | 6116 | Smart Office Supplies Ltd | staples , 25 pkts A4 paper | 89.09 |
| 5940 | 6117 | AF Sign Studio Ltd | 20 mtr canvas run | 212.40 |
| 5941 | 6118 | Wilson Mifsud | sabiex tinhasel il-mina ta' Triq l-Ghollieq | 35.00 |
| 5942 | 6119 | Beta Centre | 10 ltrs Betaroof Terracotta | 49.01 |
| 5943 | 6120 | Style Computers | cartridge for Canon printer PG 510 Black | 24.50 |
| 5944 | 6121 | Beta Centre | 10 ltrs Betaroof Terracotta | 49.01 |
| 5945 | 6122 | Alistair Floral Designer and Decorator | flower arrangement incl delivery | 35.00 |
| 5946 | 6123 | Mirya Ltd | measure, supply and fixing of 10mm clear laminated glass 138.5cm x 100cm | 148.00 |
| 5947 | 6124 | Wilson Mifsud | biex jinqatghu 2 sigriet fi Triq il-Bieb livell mal-bankina | 47.20 |
| 5948 | 6125 | Francis Service Station | diesel IBL985 | 40.00 |
| 5949 | 6126 | E Said | site inspection and compilation of cultural heritage report for Farmhouse Dahlet in-Nicca l-Antika off Hompesch Rd Fgura | 420.00 |
| 5950 | 6127 | Christian Bezzina | works on Fgura Monument (removal of graffiti, material included) | 390.00 |
| 5952 | 6130 | R&A Waste Services Ltd | sabies jingabar skart minn quddiem garaxx nru 109 fi Vjal Kottoner | 20.00 |
| 5953 | 6131 | Il-Mincott Co Ltd | 17 mtrs xibka, 7 brackets, cintorini, roll wire | 51.97 |
| 5954 | 6132 | Hallmann Vella Ltd | 2 oil repellent | 44.18 |
| 5955 | 6133 | Koptaco Coaches | transport services on 13/8/13 from Fgura to Sliema and back | 76.70 |
| | | | | |

APPROVED
- 6 AUG 2013
COUNCIL MEETING

Kunsill Lokali: Fgura

'Dok B'

Skeda Nru. 7

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**
**Data 11/7/13 sa 30/7/13**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Go plc | €25.99 | €25.99 | D | PF | bill no 33521770 re tel 21664000 rent 1/7/13-31/7/13 konsum 1/6/13-30/6/13 | 10/07/13 | 33521770 | nil | nil | | 8563 |
| 2 | Go plc | €21.50 | €21.50 | D | PF | bill no 33521762 re tel 21664222 rent 1/7/13-31/7/13 | 10/07/13 | 33521762 | nil | nil | | 8564 |
| 3 | Go plc | €64.58 | €64.58 | D | PF | bill no 33521761 re tel 21667649 rent 1/7/13-31/7/13 konsum 1/6/13-30/6/13 | 10/07/13 | 33521761 | nil | nil | | 8565 |
| 4 | Go plc | €54.85 | €54.85 | D | PF | bill no 33528405 re tel and internet 21805907 rent 1/7/13-31/7/13 konsum 1/6/13-30/6/13 | 10/07/13 | 33528405 | nil | nil | | 8566 |
| 5 | Go plc | €84.32 | €84.32 | D | PF | bill no 33506162 re mob 79664222 for June 13 | 08/07/13 | 33506162 | nil | nil | | 8567 |
| 6 | Dipartiment Propjeta' tal-Gvern | €232.94 | €232.94 | D | PF | inv 1113394 re rent Garden Pitch Triq Patri Redent Gauci Fgura for period 9/7/13-8/7/14 | 12/07/13 | 1113394 | nil | nil | | 8568 |
| 7 | Maltapost plc | €65.00 | €65.00 | D | PF | stamps | nil | nil | nil | nil | | 8569 |
| 8 | Dr. Byron Camilleri | €669.94 | €669.94 | D | PF | Mayor's Honoraria for July 13 | nil | nil | nil | nil | | DC |
| 9 | Christopher Cutajar | €1,823.81 | €1,823.81 | D | PF | payroll July 13 | nil | nil | nil | nil | | DC |
| 10 | A'Marie Curmi | €977.29 | €977.29 | D | PF | payroll July 13 | nil | nil | nil | nil | | DC |
| 11 | M'Rose Bilocca | €974.88 | €974.88 | D | PF | payroll July 13 | nil | nil | nil | nil | | DC |
| 12 | Emanuel Buhagiar | €621.72 | €621.72 | D | PF | payroll July 13 | nil | nil | nil | nil | | DC |
| 13 | Cynthia Grech Plumpton | €927.04 | €927.04 | D | PF | payroll July 13 | nil | nil | nil | nil | | 8570 |
| 14 | Commissioner of Inland Revenue | €2,013.70 | €2,013.70 | D | PF | NI and Tax for July 13 | nil | nil | nil | nil | | 8571 |
| 15 | Melita plc | €20.13 | €20.13 | D | PF | inv 34353498 re tel 27664000 from 8/7/13-7/8/13 | 08/07/13 | 34353498 | nil | nil | | 8572 |
| 16 | Arms Ltd | €161.51 | €161.51 | D | PF | inb 17193301 re A/c 411000049050 TCS Triq Hompesch Fgura from 20/2/13 18/6/13 (to be deducted from Philip Mifsud next invoice) | 23/07/13 | 17193301 | nil | nil | | 8573 |
| 17 | Sound Generation | €163.70 | €163.70 | D | PF | inv 17274 - hiring of professional sound on 6/7/13 re Fgura Fest with Kumm. Festa Esterna Mozz 3566/13/7 | 06/07/13 | 17274 | 5922 | 6099 | | |
| 18 | Alfa Co Ltd | €103.63 | €103.63 | K | PF | inv Alfa 30003310 re June 13 copy count | 30/06/13 | Alfa 30003310 | nil | nil | | |
| 19 | Eugenio Buhagiar | €336.30 | €336.30 | D | PF | inv 2666 - re rental of 250 chairs and 25 tables on 6/7/13 re Fgura Fest with Kumm. Festa Esterna Mozz 3566/13/7 | 06/07/13 | 2666 | 5921 | 6098 | | |
| 20 | Mailbox Services Ltd | €99.12 | €99.12 | D | PF | inv 1406 - door to door distribution of 'Mill-Kunsill" No 15 on 12/7/13 | 16/07/13 | 1406 | 5920 | 6097 | | |
| 21 | Antoine Zammit | €45.00 | €45.00 | D | PF | inv 227 - toner for Samsung ML-D2850B | 15/07/13 | 227 | 5931 | 6108 | | |
| 22 | Edward Said | €420.00 | €420.00 | D | PF | inv FGR 02 - site inspection and compilation of cultural heritage report on Farmhouse Dahlet in-Nicca l-Antika off Hompesch Rd Fgura | 10/07/13 | FGR 02 | 5949 | 6126 | | |
| 23 | Cleanmaster Co Ltd. | €318.60 | €318.60 | D | PF | inv 002744 - rental services for 6 mobile toilets from the 11/7/13 to 14/7/13 | 16/07/13 | 2744 | 5933 | 6110 | | |
| 24 | Director General - Works Division | €192.22 | €192.22 | D | PF | inv FGR 000001 - opening of public convenience till midnight from 11/7/13 to 14/7/13 | 16/07/13 | 1 | 5934 | | | |
| 25 | Malta Information Technology Agency | €416.85 | €416.85 | D | PF | Inv Sin 028454 - maintenance & support of wide area connectivity for Apr-June 13 | 17/07/13 | Sin 028454 | nil | nil | | |
| 26 | Horace Enterprises Ltd | €135.70 | €135.70 | D | PF | inv 6351 - trophies for Fgura Youth Centre Treasure Hunt 2013 | 11/07/2013 | 6351 | nil | nil | | |

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 27 | Christian Brincat | €64.30 | €64.30 | D | | nv 94 - drinks for Fgura Youth Centre Treasure Hunt 2013 | 07/13 | 94 | nil | nil | | |
| 28 | Alistair Fenech | €35.00 | €35.00 | D | PF | inv 10650 - flower arrangement for Ritianne Cassar' s baby girl | 05/07/13 | 10650 | 5945 | 6122 | | |
| 29 | Il-Mincott Co Ltd | €51.97 | €51.97 | D | PF | inv SA 221498 - xibka, brackets, cintorini, roll wire | 24/07/13 | SA 221498 | 5953 | 6131 | | |
| 30 | Waste Serv Malta Ltd | €6,446.25 | €4,594.25 | D | PF | inv 037916 - allocated MSW Waste for June 13 (pay as per AKL circular) | 15/07/13 | 37916 | nil | nil | | |
| | **Sub Total c/f** | **€17,567.84** | **€15,715.84** | | | | | | | | |
| | **Total** | **€17,567.84** | **€15,715.84** | | | | | | | | |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

Kunsill Lokali: Fgura

Skeda Nru. 7

## Skeda tal-Hlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** Data 11/7/13 sa 30/7/13

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 31 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €101.79 | €101.79 | T | PF | inv 18195 - mirror and pole | 27/06/13 | 18195 | nil | nil | | |
| 32 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €71.25 | €71.25 | T | PF | inv 18203 - traffic signs | 05/07/13 | 18203 | nil | nil | | |
| 33 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €15.84 | €15.84 | T | PF | inv 18134 - reimbursement of warden service needed during road markings on 13/6/13 | 13/06/13 | 18134 | nil | nil | | |
| 34 | Catherine Sammut | €239.42 | €239.42 | K | PF | inv 2 - maid service for July 13 | 29/07/13 | 2 | nil | nil | | |
| 35 | Halmann Vella | €44.18 | €44.18 | D | PF | doc no - 17878/5850- 2 water oil repellent | 26/07/13 | 17878/5850 | 5954 | 6132 | | |
| 36 | | | | | | | | | | | | |
| 37 | | | | | | | | | | | | |
| 38 | | | | | | | | | | | | |
| 39 | | | | | | | | | | | | |
| 40 | | | | | | | | | | | | |
| 41 | | | | | | | | | | | | |
| 42 | | | | | | | | | | | | |
| 43 | | | | | | | | | | | | |
| 44 | | | | | | | | | | | | |
| 45 | | | | | | | | | | | | |
| 46 | | | | | | | | | | | | |
| 47 | | | | | | | | | | | | |
| 48 | | | | | | | | | | | | |
| 49 | | | | | | | | | | | | |
| 50 | | | | | | | | | | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€472.48** | **€472.48** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€17,567.84** | **€15,715.84** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€18,040.32** | **€16,188.32** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

**Kunsill Lokali: Fgura**

Skeda Nru. 7

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti
**Data 11/7/13 sa 30/7/13**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Go plc | €25.99 | €25.99 | D | PF | bill no 33521770 re tel 21664000 rent 1/7/13-31/7/13 konsum 1/6/13-30/6/13 | 10/07/13 | 33521770 | nil | nil | | 8563 |
| 2 | Go plc | €21.50 | €21.50 | D | PF | bill no 33521762 re tel 21664222 rent 1/7/13-31/7/13 | 10/07/13 | 33521762 | nil | nil | | 8564 |
| 3 | Go plc | €64.58 | €64.58 | D | PF | bill no 33521761 re tel 21667649 rent 1/7/13-31/7/13 konsum 1/6/13-30/6/13 | 10/07/13 | 33521761 | nil | nil | | 8565 |
| 4 | Go plc | €54.85 | €54.85 | D | PF | bill no 33528405 re tel and internet 21805907 rent 1/7/13-31/7/13 konsum 1/6/13-30/6/13 | 10/07/13 | 33528405 | nil | nil | | 8566 |
| 5 | Go plc | €84.32 | €84.32 | D | PF | bill no 33506162 re mob 79664222 for June 13 | 08/07/13 | 33506162 | nil | nil | | 8567 |
| 6 | Dipartiment Propjeta' tal-Gvern | €232.94 | €232.94 | D | PF | inv 1113394 re rent Garden Pitch Triq Patri Redent Gauci Fgura for period 9/7/13-8/7/14 | 12/07/13 | 1113394 | nil | nil | | 8568 |
| 7 | Maltapost plc | €65.00 | €65.00 | D | PF | stamps | nil | nil | nil | nil | | 8569 |
| 8 | Dr. Byron Camilleri | €669.94 | €669.94 | D | PF | Mayor's Honoraria for July 13 | nil | nil | nil | nil | | DC |
| 9 | Christopher Cutajar | €1,823.81 | €1,823.81 | D | PF | payroll July 13 | nil | nil | nil | nil | | DC |
| 10 | A'Marie Curmi | €977.29 | €977.29 | D | PF | payroll July 13 | nil | nil | nil | nil | | DC |
| 11 | M'Rose Bilocca | €974.88 | €974.88 | D | PF | payroll July 13 | nil | nil | nil | nil | | DC |
| 12 | Emanuel Buhagiar | €621.72 | €621.72 | D | PF | payroll July 13 | nil | nil | nil | nil | | DC |
| 13 | Cynthia Grech Plumpton | €927.04 | €927.04 | D | PF | payroll July 13 | nil | nil | nil | nil | | 8570 |
| 14 | Commissioner of Inland Revenue | €2,013.70 | €2,013.70 | D | PF | NI and Tax for July 13 | nil | nil | nil | nil | | 8571 |
| 15 | Melita plc | €20.13 | €20.13 | D | PF | inv 34353498 re tel 27664000 from 8/7/13-7/8/13 | 08/07/13 | 34353498 | nil | nil | | 8572 |
| 16 | Arms Ltd | €161.51 | €161.51 | D | PF | inb 17193301 re A/c 411000049050 TCS Triq Hompesch Fgura from 20/2/13 - 18/6/13 (to be deducted from Philip Mifsud next invoice) | 23/07/13 | 17193301 | nil | nil | | 8573 |
| 17 | Sound Generation | €163.70 | €163.70 | D | PF | inv 17274 - hiring of professional sound on 6/7/13 re Fgura Fest with Kumm. Festa Esterna Mozz 3566/13/7 | 06/07/13 | 17274 | 5922 | 6099 | | 8575 |
| 18 | Alfa Co Ltd | €103.63 | €103.63 | K | PF | inv Alfa 30003310 re June 13 copy count | 30/06/13 | Alfa 30003310 | nil | nil | | 8576 |
| 19 | Eugenio Buhagiar | €336.30 | €336.30 | D | PF | inv 2666 - re rental of 250 chairs and 25 tables on 6/7/13 re Fgura Fest with Kumm. Festa Esterna Mozz 3566/13/7 | 06/07/13 | 2666 | 5921 | 6098 | | 8578 |
| 20 | Mailbox Services Ltd | €99.12 | €99.12 | D | PF | inv 1406 - door to door distribution of 'Mill-Kunsill' No 15 on 12/7/13 | 16/07/13 | 1406 | 5920 | 6097 | | 8579 |
| 21 | Antoine Zammit | €45.00 | €45.00 | D | PF | inv 227 - toner for Samsung ML-D2850B | 15/07/13 | 227 | 5931 | 6108 | | 8580 |
| 22 | Edward Said | €420.00 | €420.00 | D | PF | inv FGR 02 - site inspection and compilation of cultural heritage report on Farmhouse Dahlet in-Nicca l-Antika off Hompesch Rd Fgura | 10/07/13 | FGR 02 | 5949 | 6126 | | 8581 |
| 23 | Cleanmaster Co Ltd. | €318.60 | €318.60 | D | PF | inv 002744 - rental services for 6 mobile toilets from the 11/7/13 to 14/7/13 | 16/07/13 | 2744 | 5933 | 6110 | | 8582 |
| 24 | Director General - Works Division | €192.22 | €192.22 | D | PF | inv FGR 000001 - opening of public convenience till midnight from 11/7/13 to 14/7/13 | 16/07/13 | 1 | 5934 | | | 8583 |
| 25 | Malta Information Technology Agency | €416.85 | €416.85 | D | PF | Inv Sin 028454 - maintenance & support of wide area connectivity for Apr-June 13 | 17/07/13 | Sin 028454 | nil | nil | | 8584 |
| 26 | Horace Enterprises Ltd | €135.70 | €135.70 | D | PF | inv 6351 - trophies for Fgura Youth Centre Treasure Hunt 2013 | 11/07/2013 | 6351 | nil | nil | | 8585 |
| 27 | Christian Brincat | €64.30 | €64.30 | D | PF | inv 94 - drinks for Fgura Youth Centre Treasure Hunt 2013 | 03/07/13 | 94 | [illegible] | nil | | 8586 |

8574 in list no 2

APPROVED
- 6 AUG 2013
COUNCIL MEETING

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 28 | Alistair Fenech | €35.00 | €35.00 | D | PF | inv 10650 - flower arrangement for Ritianne Caruana's baby girl | 05/07/13 | 10650 | 5945 | 6122 | 8587 |
| 29 | Il-Minzott Co Ltd | €51.97 | €51.97 | D | PF | inv SA 221498 - xibka, brackets, cintorini, roll wire | 24/07/13 | SA 221498 | 5953 | 6131 | 8588 |
| 30 | Waste Serv Malta Ltd | €6,446.25 | €4,594.25 | D | PF | inv 037916 - allocated MSW Waste for June 13 (pay as per AKL circular) | 15/07/13 | 37916 | nil | nil | 8589 |
| | **Sub Total c/f** | **€17,567.84** | **€15,715.84** | | | | | | | | |
| | **Total** | **€17,567.84** | **€15,715.84** | | | | | | | | |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

APPROVED
- 6 AUG 2013
COUNCIL MEETING

**Kunsill Lokali: Fgura**



## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** **Data 11/7/13 sa 30/7/13**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 31 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €101.79 | €101.79 | T | PF | inv 18195 - mirror and pole | 27/06/13 | 18195 | nil | nil | | 8590 |
| 32 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €71.25 | €71.25 | T | PF | inv 18203 - traffic signs | 05/07/13 | 18203 | nil | nil | | 8591 |
| 33 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €15.84 | €15.84 | T | PF | inv 18134 - reimbursement of warden service needed during road markings on 13/6/13 | 13/06/13 | 18134 | nil | nil | | 8592 |
| 34 | Catherine Sammut | €239.42 | €239.42 | K | PF | inv 2 - maid service for July 13 | 29/07/13 | 2 | nil | nil | | 8593 |
| 35 | Halmann Vella | €44.18 | €44.18 | D | PF | doc no - 17878/5850- 2 water oil repellent | 26/07/13 | 17878/5850 | 5954 | 6132 | | 8594 |
| 36 | | | | | | | | | | | | |
| 37 | | | | | | | | | | | | |
| 38 | | | | | | | | | | | | |
| 39 | | | | | | | | | | | | |
| 40 | | | | | | | | | | | | |
| 41 | | | | | | | | | | | | |
| 42 | | | | | | | | | | | | |
| 43 | | | | | | | | | | | | |
| 44 | | | | | | | | | | | | |
| 45 | | | | | | | | | | | | |
| 46 | | | | | | | | | | | | |
| 47 | | | | | | | | | | | | |
| 48 | | | | | | | | | | | | |
| 49 | | | | | | | | | | | | |
| 50 | | | | | | | | | | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€472.48** | **€472.48** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€17,567.84** | **€15,715.84** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€18,040.32** | **€16,188.32** | | | | | | | | | |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

APPROVED
- 6 AUG 2013
COUNCIL MEETING

DOK C'

# Skeda tal-Hlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti
## Data 31/7/13 sa 6/8/13

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Self | €224.50 | €224.50 | D | PF | petty cash reimbursement for July 13 | nil | nil | nil | nil | | 8574 |
| 2 | Education Division | €214.49 | €214.49 | D | PF | request for payment of overtime during May, June and July 13 by Alfred Piscopo re obese aerobics and evening classes | 29/07/13 | nil | nil | nil | | |
| 3 | Education Division | €288.75 | €288.75 | D | PF | request for payment of overtime during May, June and July 13 by John Darmanin re obese aerobics and evening classes | 29/07/13 | nil | nil | nil | | |
| 4 | Peter Busuttil Woodworks | €377.60 | €377.60 | D | PF | inv 214 - 20 strippa ghal manutenzjoni ta' barkijiet fi Pjazza Reggio Miller | 31/07/13 | 214 | 5932 | 6109 | | |
| 5 | R&A Waste Services Ltd ** | €4,651.25 | €4,651.25 | T | PF | inv 9036 - collection of waste during July 13 | 31/07/13 | 9036 | nil | nil | | |
| 6 | Annalise Farrugia * | €94.76 | €94.76 | T | PF | inv re contract manager fee re inv 9036 R&A Waste Services Ltd | nil | nil | nil | nil | | |
| 7 | Gafa Saveway Cleaners Ltd | €70.92 | €70.92 | K | PF | inv FLC/013/06 - maid service from 4/6/13-10/6/13 | 29/07/13 | FLC/013/06 | nil | nil | | |
| 8 | Dimbros Ltd | €1,042.53 | €1,042.53 | T | PF | inv 348-bulky refuse collection for July 13 | 01/08/13 | 348 | nil | nil | | |
| 9 | MBE Marketing Ltd | €63.75 | €63.75 | D | PF | inv 21107456 - mineral water | 31/07/13 | 21107456 | nil | nil | | |
| 10 | Pharlap Ironmongery | €25.00 | €25.00 | D | PF | inv 1449 - hire of jigger | 01/08/13 | 1449 | 5959 | 6137 | | |
| 11 | Nazzareno Farrugia | €223.56 | €223.56 | D | PF | inv 43 - librarian services for July 13 | 01/08/13 | 43 | nil | nil | | |
| 12 | Marlene Gerada | €186.30 | €186.30 | D | PF | inv 43 - librarian services for July 13 | 01/08/13 | 43 | nil | nil | | |
| 13 | Printwell Ltd | €530.00 | €530.00 | D | PF | inv 5367 - printing of 4200 copies of Fgura magazine "Mill-Kunsill No 15" | 17/07/13 | 5367 | 5928 | 6105 | | |
| 14 | R&A Waste Services Ltd | €20.00 | €20.00 | D | PF | inv 9042 - collection of rubbish from Vjal Kottoner | 31/07/13 | 9042 | 5952 | 6130 | | |
| 15 | Union Print Ltd | €173.25 | €173.25 | D | PF | inv PI005347 - printing of 4200 flyers | 31/07/13 | PI005347 | 5957 | 6135 | | |
| 16 | Polidano Brothers Ltd | €18,845.25 | €18,842.92 | T | PF | inv re 20% payment due on amount certified less management fee after the 1st year of completion of Triq Bormla less 2.33 euro permit RWP1-0114/1 (to be paid once invoice is received) | nil | nil | nil | nil | | |
| 17 | Francis Service Station | €120.00 | €120.00 | D | PF | inv 35 - diesel IBL985 | 02/08/13 | 35 | 5958-5948-5938 | 6136-6125-6115 | | |
| 18 | Hompesch Stationery | €88.40 | €88.40 | D | PF | inv 8265075 - newspapers for July 13 | 04/08/13 | 8265075 | nil | nil | | |
| 19 | Lawrence A Cauchi | €535.96 | €535.96 | T | PF | inv 20130380 - accountancy services | 31/07/13 | 20130380 | nil | nil | | |
| 20 | | | | | | | | | | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€27,776.27** | **€27,773.94** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€27,776.27** | **€27,773.94** | | | | | | | | | |

* invoice not yet received, final amount due will be calculated at 2.95% of amount certified as per contract

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

# Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pag enti
## Data 31/7/13 sa 6/8/13

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Tac-Cekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Self | €224.50 | €224.50 | D | PF | petty cash reimbursement for July 13 | nil | nil | nil | nil | | 8574 |
| 2 | Education Division | €214.49 | €214.49 | D | PF | request for payment of overtime during May, June and July 13 by Alfred Piscopo re obese aerobics and evening classes | 29/07/13 | nil | nil | nil | | 8595 |
| 3 | Education Division | €288.75 | €288.75 | D | PF | request for payment of overtime during May, June and July 13 by John Darmanin re obese aerobics and evening classes | 29/07/13 | nil | nil | nil | | 8596 |
| 4 | Peter Busuttil Woodworks | €377.60 | €377.60 | D | PF | inv 214 - 20 strippa ghal manutenzjoni ta' bankijiet fi Pjazza Reggie Miller | 31/07/13 | 214 | 5932 | 6109 | | 8597 |
| 5 | R&A Waste Services Ltd ** | €4,651.25 | €4,651.25 | T | PF | inv 9036 - collection of waste during July 13 | 31/07/13 | 9036 | nil | nil | | 8598 |
| 6 | Annalise Farrugia * | €94.76 | €94.76 | T | PF | inv re contract manager fee re inv 9036 R&A Waste Services Ltd | nil | nil | nil | nil | | 8599 |
| 7 | Cafa Saveway Cleaners Ltd | €70.92 | €70.92 | K | PF | inv FLC/013/06 - maid service from 4/6/13-10/6/13 | 29/07/13 | FLC/013/06 | nil | nil | | 8600 |
| 8 | Dimbros Ltd | €1,042.53 | €1,042.53 | T | PF | inv 348-bulky refuse collection for July 13 | 01/08/13 | 348 | nil | nil | | 8601 |
| 9 | NIEF Marketing Ltd | €63.75 | €63.75 | D | PF | inv 21107456 - mineral water | 31/07/13 | 21107456 | nil | nil | | 8602 |
| 10 | Pharlap Ironmongery | €25.00 | €25.00 | D | PF | inv 1449 - hire of jigger | 01/08/13 | 1449 | 5959 | 6137 | | 8603 |
| 11 | Nazzareno Farrugia | €223.56 | €223.56 | D | PF | inv 43 - librarian services for July 13 | 01/08/13 | 43 | nil | nil | | 8604 |
| 12 | Marlene Gerada | €186.30 | €186.30 | D | PF | inv 43 - librarian services for July 13 | 01/08/13 | 43 | nil | nil | | 8605 |
| 13 | Printwell Ltd | €530.00 | €530.00 | D | PF | inv 5367 - printing of 4200 copies of Fgura magazine "Mill-Kunsill No 15" | 17/07/13 | 5367 | 5928 | 6105 | | 8606 |
| 14 | R&A Waste Services Ltd | €20.00 | €20.00 | D | PF | inv 9042 - collection of rubbish from Vjal Kottoner | 31/07/13 | 9042 | 5952 | 6130 | | 8607 |
| 15 | Union Print Ltd | €173.25 | €173.25 | D | PF | inv PI005347 - printing of 4200 flyers | 31/07/13 | PI005347 | 5957 | 6135 | | 8608 |
| 16 | Polidano Brothers Ltd | €18,845.25 | €18,842.92 | T | PF | inv re 20% payment due on amount certified less management fee after the 1st year of completion of Triq Bormla less 2.33 euro permit RWP1-0114/1 (to be paid once invoice is received) | nil | nil | nil | nil | | 8609 |
| 17 | Francis Service Station | €120.00 | €120.00 | D | PF | inv 35 - diesel IBL985 | 02/08/13 | 35 | 5958-5948-5938 | 6136-6125-6115 | | 8610 |
| 18 | Homperch Stationery | €88.40 | €88.40 | D | PF | inv 8265075 - newspapers for July 13 | 04/08/13 | 8265075 | nil | nil | | 8611 |
| 19 | Lawrence A Cauchi | €535.96 | €535.96 | T | PF | inv 20130380 - accountancy services | 31/07/13 | 20130380 | nil | nil | | 8612 |
| 20 | | | | | | | | | | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€27,776.27** | **€27,773.94** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€27,776.27** | **€27,773.94** | | | | | | | | | |

* invoice not yet received, final amount due will be calculated at 2.95% of amount certified as per contract

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

APPROVED
- 6 AUG 2013
COUNCIL MEETING

* Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

'DOK D'

Mistoqsijiet lis-Sindku

1. Kemm intalbu permessi ghal reserved parking bays minn Jannar 'l hawn? Kemm inghataw? Tista' tinghata l-lista tat-toroq fejn dawn qeghdin?

2. Kemm-il darba intalab permess biex jitwahhlu bollards fuq bankini biex ma jipparkjawx karrozzi? Kemm-il bollard twahhal fuq bankini? Min approva dawn il-permessi, jekk inghataw? Min hallas ghal dawn il-bollards? Jistghu jigu prezentati l-mozzjonijiet li saru fil-Kunsill f'dan is-sens?

3. Min ta permess biex parti minn Triq Romano Carapecchia tinghalaq ghat-traffiku? Jekk dan ma sarx mill-Kunsill, il-Kunsill kien infurmat dwar dan? Jekk il-Kunsill ma kienx konsultat dwar dan, il-Kunsill ipprotesta mal-awtorita' li hadet din id-decizjoni minn wara dahar il-Kunsill?

4. X'passi ittiehdu mill-Kunsill mal-awtoritajiet koncernati sabiex jinbidlu il-bozoz taz-zewg floodlights tal-Knisja? Jekk ma ttiehdu l-ebda passi, ghaliex dan ghadu ma sarx?